MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 335/2014

**Fl-Atti ta' l-Ittra Ufficjali bin-Numru 1979/2014 fl-ismijiet:**

**Paul Edgar Micallef in rapprezentanza ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni**

**Vs**

**WE Productions Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà WE Productions Limited fis-6 ta' Ottubru 2014 a tenur ta' l-Artikolu 49(3) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' liema titlob li l-Qorti: (i) tappunta r-Rikors ghas-smigh; (ii) tiddikjara li l-pretensjoni ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni kontra taghha kif dedotta fl-ittra ufficjali fl-ismijiet "Paul Edgar Micallef noe v. WE Productions Limited" bin-Numru 1979/14 hija infondata; u (iii) taghti dawk il-provvedimenti ulterjuri li thoss opportuni, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni;

Rat id-Digriet datat 7 ta' Ottubru 2014 permezz ta' liema *inter alia* r-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghat-Tnejn 10 ta' Novembru 2014 fl-12:00p.m.;

Rat ir-Risposta ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni permezz ta' liema tikkontendi li: (i) huwa biss parti mill-ammont minnha pretiz minghand is-socjetà Rikorrenti, ossia l-ammont ta' €162.40 li ilu dovut mill-10 ta' Lulju 2009, li huwa preskritt ai termini ta' l-Artikolu 49(4) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li r-rimanenti bilanc mis-somma pretiza ta' €858.40 ma jirrizultax li huwa preskritt u b'hekk ghadu dovut; (ii) ir-rendikont MCA Dok. 1 juri bic-car li s-socjetà Rikorrenti ilha mill-2009 ma thallasx ghall-licenzja WT/2104/2006 moghtija ghall-apparat ta' radjukomunikazzjoni tat-tip *private mobile radio* u dana minkejja li kienet qed tigi mmultata talli kienet qed tonqos milli thallas u nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas; (iii) is-socjetà Rikorrenti f'ebda hin ma kkancellat il-licenzja taghha jew infurmat lill-Awtorità illi din il-licenzja ma kellhiex iktar bzonnha; (iv) ghalhekk il-bilanc ta' €696.00 dovut bhala hlasijiet ghall-licenzja u multi ghadu dovut mis-socjetà Rikorrenti lill-Awtorità ghaliex ma huwa bl-ebda mod preskritt ai termini ta' l-Artikolu 49(4) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta kif jidher mir-rendikont anness mar-Risposta markat MCA Dok. 1 – konsegwentement titlob li t-talbiet tas-socjetà Rikorrenti kif dedotti fir-Rikors promotur jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà Rikorrenti, u l-istess socjetà tigi kkundannata thallasha s-somma ta' €696.00;

Rat id-dokumenti annessi mar-Risposta ta' l-Awtorità Intimata markati MCA Dok. 1 u MCA Dok. 2;

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensur tas-socjetà Rikorrenti maghmula waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2015 fis-sens illi fid-dawl tar-Risposta ta' l-Awtorità Intimata s-socjetà Rikorrenti disposta tghaddi ghall-pagament ta' €696 li huwa l-hlas issa pretiz mill-Awtorità u rat id-dikjarazzjoni tad-difensur ta' l-Awtorità Intimata fis-sens illi l-Awtorità tinsisti fuq il-kap ta' l-ispejjez;

Rat in-Nota ta' l-Awtorità Intimata pprezentata fil-21 ta' April 2015 fejn tiddikjara li: (i) sa' dik id-data s-socjetà Rikorrenti kienet ghadha ma hallsitx lill-Awtorità is-somma ta' €696; u li (ii) l-Awtorità kienet se tibqa tinsisti fuq il-kap ta' l-ispejjez fir-rigward ta' liema ghandha provi xi tressaq;

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensur tas-socjetà Rikorrenti maghmula waqt is-seduta tat-18 ta' Gunju 2015 fis-sens illi s-socjetà Rikorrenti kienet ghadha intenzjonata thallas l-ammont ta' €696 izda li ghandha kontestazzjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez u li fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez ma ghandhiex provi xi tressaq stante li fil-fehma taghha kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha in konnessi ma' dawn il-proceduri peress illi parti mill-ammont pretiz huwa preskritt;

Rat in-Nota ta' l-Awtorità Intimata pprezentata fit-18 ta' Gunju 2015 li biha esebiet dokumentazzjoni markata Dok. "MCA2" u Dok. "MCA3" bhala prova ghall-fini tal-kap ta' l-ispejjez;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tikkontesta interpellazzjoni ghall-hlas maghmula fil-konfront taghha mill-Awtorità Intimata a bazi ta' l-Artikolu 49(1) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta. In effetti b'ittra ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 49(1) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta l-Awtorità Intimata interpellat lis-socjetà Rikorrenti sabiex thallasha s-somma komplessiva ta' €858.40 rapprezentanti arretrati tal-licenzja WT/2104/2006 ghall-apparat ta' radjukomunikazzjoni tat-tip *private mobile radio* u multi imposti*,* liema talba qed tigi ikkontestata mis-socjetà Rikorrenti bir-Rikors odjernipprezentat a tenur ta' l-Artikolu 49(2) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta stante li skontha l-ammont reklamat mill-Awtorità Intimta ma huwiex dovut in kwantu preskritt ai termini ta' l-Artikolu 49(4) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tul is-smigh tal-proceduri u senjatament mir-Risposta ta' l-Awtorità Intimata irrizulta li mill-ammont pretiz ta' €858.40 huwa biss l-ammont ta' €162.40 li ilu dovut mill-10 ta' Lulju 2009 li huwa preskritt a tenur ta' l-Artikolu 49(4) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta b'dana ghalhekk li l-bilanc ta' €696 ghadu dovut in kwantu mhux preskritt. Is-socjetà Rikorrenti tammetti li tali ammont ta' €696 ma huwiex preskritt u huwa minnha dovut lill-Awtorità Intimata u addirittura ghal darba darbtejn obbligat ruhha li thallas tali ammont lill-Awtorità, hlas però li sad-data tal-pronuncjament ta' dan id-Digriet kien ghadu ma giex effettwat.

Il-kwistjoni effettivament pendenti bejn il-partijiet kontendenti – stante li s-socjetà Rikorrenti tammetti li hija minnha dovuta lill-Awtorità Intimata s-somma ta' €696 bhala arretrati tal-licenzja WT/2104/2006 ghall-apparat ta' radjukomunikazzjoni tat-tip *private mobile radio* u multi imposti fuqha – tirrigwarda l-kap ta' l-ispejjez fejn is-socjetà Rikorrenti tippretendi li kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri stante li parti mill-ammont pretiz huwa preskritt filwaqt li l-Awtorità Intimata tikkontendi li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mis-socjetà Rikorrenti stante li l-kwistjoni waslet sa' hawnhekk in vista tal-fatt li l-istess socjetà naqset milli tirrispondi ghal diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas maghmula lilha qabel ma gew istitwiti l-proceduri – ossia giet ipprezentata l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 49(1) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta li qabel ma l-Awtorità Intimata ipprocediet bil-hrug ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 49(1) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti, l-istess Awtorità baghtet ittra bonarja lill-imsemmija socjetà datata **23 ta' Gunju 2014** permezz ta' liema interpellata thallas is-somma komplessiva ta' €857.60 rapprezentanti arretrati relattivi ghal *radiocommunications apparatus licence reference: WT/2104/2006* u multi imposti, liema ittra jirrizulta li

effettivament waslet ghand is-socjetà Rikorrenti[1]. Nonostante tali ittra, mibghuta u ricevuta fiz-zmien fejn l-ebda parti mill-ammont pretiz mill-Awtorità Intimata ma kien ghadu gie preskritt a tenur ta' l-Artikolu 49(4) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta – stante li l-ammont ta' €162.40 illum preskritt gie hekk preskritt fl-**10 ta' Lulju 2014**[2] – is-socjetà Rikorrenti baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

Ghalkemm huwa veru li sakemm inharget l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 49(1) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta u giet notifikata lis-socjetà Rikorrenti parti mill-ammont pretiz mill-Awtorità Intimata gie preskritt a tenur ta' l-Artikolu 49(4) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta, tali proceduri kienu necessarji minhabba l-inademjenza tas-socjetà Rikorrenti li thallas dak minnha evidentement dovut lill-Awtorità Intimata u ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti l-ispejjez relattivi ghall-proceduri odjerni ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà Rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel talba tas-socjetà Rikorrenti in kwantu tali talba giet ezawrita bid-Digriet moghti fis-7 ta' Ottubru 2014, tilqa' t-tieni talba tas-socjetà Rikorrenti limitatament ghall-ammont ta' €162.40 pretiz mill-Awtorità Intimata bhala arretrati tal-licenzja WT/2104/2006 moghtija ghall-apparat ta' radjukomunikazzjoni tat-tip *private mobile radio* li ghalqu u saru dovuti fl-10 ta' Lulju 2009 u tiddikjara tali pretensjoni infondata stante li tali arretrati orami jinsabu preskritti a tenur ta' l-Artikolu 49(4) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta, izda tichadha in kwantu rigwarda l-ammont bilancjali ta' €696 pretiz mill-Awtorità Intimata bhala arretrati tal-licenzja WT/2104/2006 moghtija ghall-apparat ta' radjukomunikazzjoni tat-tip *private mobile radio* li ghalqu u saru dovuti fl-14 ta' Lulju 2010, fit-8 ta' Awwissu 2011, fis-26 ta' Lulju 2012 u fl-1 ta' Awwissu 2013 u bhala multi li saru dovuti fis-26 ta' Novembru 2010, fit-23 ta' Novembru 2011, fis-17 ta' Ottubru 2012 u fit-23 ta' Gunju 2014, u minflok tikkonferma li tali ammont ta' €696 huwa dovut mis-socjetà Rikorrenti lill-Awtorità Intimata.

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà Rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

[1] Vide dokumenti markati Dok. "MCA2" u Dok. "MCA3" esebiti mill-Awtorità Intimata fit-18 ta' Gunju 2015.
[2] Vide rendikont markat MCA Dok. 1 a fol. 5 tal-process.

---------------------------------TMIEM---------------------------------